MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 7/2003

**Socjeta` Vodafone (Malta) Ltd.**

**vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' April 2003 il-Bord ta' l-Appelli tat-Telekommunikazzjonijiet ppronunzja s-segwenti decizjoni:-

"IL-BORD TA' L-APPELLI (il-Bord) wara li kien kompost mill-gdid bil-membri li llum jifformaw l-istess Bord; wara li l-Bord kif kompost ra l-appell tas-socjeta` Vodafone Malta Ltd. (s-socjeta` appellanti) u r-risposta ta' l-Awtortia` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (l-Awtorita`) u wara li ezamina l-provi u dokumenti tal-partijiet u wara li sema' t-trattazzjoni tad-difensuri taghhom.

IKKONSIDRA:

Illi l-awtorita` appellata eccepiet illi s-socjeta` appellanti ma ghandhiex l-interess guridiku biex tistitwixxi dawn il-proceduri stante li r-rata diga' kienet stabbilita permezz ta' avviz legali ad hoc.

Illi l-Bord ma jistax jikkondividi din is-sottomissjoni stante illi d-dritt ta' l-appell johrog mill-artikolu 35 ta' l-Att dwar it-Telekomunikazzjonijiet (Cap 399) fejn hemm specifikat illi appell jista' jsir fuq bazi ta' nuqqas ta' osservanza ta' poceduri.

Minn dan jirrizulta li s-socjeta` appellanti fi kwalunkwe kaz ghandha l-interess guridiku li tikkontesta decizjoni li jista' jkollha xi difett proceduralі rrispettivament dwar jekk ir-rata gietx pubblikata jew le fil-Gazzetta tal-Gvern u dan sabiex tigi stabilita procedura korretta ta' kif l-Awtorita` ghandha tittratta s-socjeta` appellanti u dan irrispettivament mir-rata specifika li f'kwalunkwe kaz mhux mertu ta' dan l-appell.

GHALHEKK IL-BORD JIDDECIDI illi jichad din l-eccezzjoni.

IKKONSIDRA

ILLI FUQ IL-MERTU dan huwa appell minn decizjoni ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjonijiet datat 10 ta' Novembru 2000 rizultanti minn "dispute" bejn zewg operaturi u cioe` s-socjeta` appellanti u s-socjeta` Go Mobile.

Illi l-intervent ta' l-Awtorita` kien rikjest mis-Socjeta` Go Mobile "biex isolvi l-problema billi tiffissa hi l-interconnection charge for call termination". Id-dispute ghalhekk kien jikkonsisti minn nuqqas ta' ftehim dwar x'ghandu jkun l-interconnecting rate ta' bejniethom.

Illi l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma ta' natura procedurali. Infatti s-socjeta` appellanti dikjarat espressament waqt is-smiegh ta' l-appell li m'huwiex qed

jikkontestaw ir-rata stabilita mill-Awtorita` fid-decizjoni taghha izda qed jikkontestaw il-mod kif waslet ghaliha l-awtorita` appellata.

Illi s-socjeta` appellanti lmentat illi “l-appellat naqas milli jissostanza d-decizjoni tieghu u rrefera vagament ghall-“benchmarks” ezistenti f’numru ta’ pajjizi Ewropej minghajr ma ta l-inqas hjiel kif wasal ghall-komputazzjonijiet tieghu u ma liema pajjizi gew ipparagunati t-tariffi proposti mill-appellanti”.

Ir-risposta ghal dan l-aggravju ta’ l-awtorita` kienet li “l-awtorita` certament li ma kienet taht ebda obbligu li tispjega fid-dettal dan il-kumment billi timbarka fuq xi analizi komparattiva tas-swieq tat-telekomunikazzjonijiet Ewropej.  Il-fattur tar-rati barranin huma biss wiehed li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni u l-Awtorita` wriet illi haditu in konsiderazzjoni”.

Illi f’dan il-kuntest qed issir riferenza ghall-artikolu 47 ta’ l-avviz legali 151 ta’ l-2000 li taghti dritt t’appell quddiem dan il-Bord lil operatur, f’tilwima li tinvolvi zewg operaturi, minn decizjoni ta’ l-Awtorita`.

Illi l-Awtorita` ghaddiet biex tikkomponi t-tilwima a bazi t’ezercizzju ta’ ‘benchmarking’ liema ezercizzju wassal ghar-rata specifika kwantifikabbli f’ammont.

Illi skond il-principji bazilari fil-kamp tal-Gustizzja Naturali, operatur ghandu jinghata dak it-taghrif necessarju fid-decizjoni li tinghata fil-konfront tieghu sabiex jkun jista’ jintavola appell.

Illi mill-provi migjuba quddiemu, l-awtorita` mhux biss m’ghamlitux fid-decizjoni taghha pero` lanqas ma ghamlitu waqt is-smiegh ta’ l-appell.

Illi l-Bord ma huwiex necessarjament interessat fid-dettal ta’ studji li l-awtorita` setghet ghamlet biex tasal ghal dik ir-rata, pero` certament id-decizjoni ta’ l-awtorita` ghandha taghti dik l-informazzjoni bazika fundamentali biex ghall-inqas tispjega l-bazi tal-konkluzjonijiet taghha.

Illi din il-kunsiderazzjoni qed issir partikolarment in vista tal-fatt li ghall-ewwel kienet l-Awtorita` li dirigiet il-partijiet fit-tilwima sabiex jipprovaw jaslu ghal xi ftehim fuq bazi ta' 'cost orientation'. Dan il-ftehim bejn il-partijiet ma sehhx u allura l-awtorita` imbarkat f'ezercizzju unilaterali sabiex tasal hi ghar-rata u dan fuq bazi ta' benchmarking li huwa ezercizzju totalment differenti minn dak bazat fuq 'cost orientation'.

Illi huwa minnu li fid-decizjoni de quo l-Awtorita` kienet ghamlet referenza ghas-sottomissjoni tas-Socjeta appellanti: "reference to European benchmarks for the purpose of determining mobile termination charges in Malta was inappropriate". Pero`, hu minnu wkoll li l-Awtorita` fl-istess decizjoni njorat l-oggezzjoni tas-socjeta` appellanti dwar ir-referenza ghal "fixed line telephony". Mhux biss izda izjed fondamentali kien in-nuqqas illi b'xi mod tissostanzja l-kriterji li wassluha biex tasal ghal rata li fil-fatt adottat u cioe` dik ta' 8c5.

Illi l-unika referenza li saret kienet: "The Authority has referred to Mobile Termination Benchmarks in a number of European countries which are wide ranging with the largest cluster being significantly below the Vodafone offer".

Xejn izjed ma gie pprovdut biex jindika l-bazi tar-Rata ta' 8c5 liema rata fil-fatt ziedet centezmu ma' l-ammont propost mis-socjeta` Go Mobile, izda naqset l-ammont propost mis-socjeta` appellanti bi tlett centezmi. L'anqas jista' jinghad illi l-awtorita` striehet fuq xi ezercizzju ta' bench-marking maghmul mis-Socjeta` Go Mobile stante li ma kien hemm ebda sottomissjoni f'dan is-sens minnha jew mill-Vodafone Malta Ltd.

GHALHEKK IL-BORD JIDDECIDI LI:

a) Jirrevoka d-decizjoni ta' l-awtorita` in kwantu li m'hjiex motivata fil-punt krucjali tat-tilwima li l-awtorita` kellha tirrisolvi, u allura difettuza proceduralment.

b) Jirremettu l-kwistjoni quddiem il-Ministru responsabbli sabiex, wara li jsiru l-accertamenti necessarji, jara jekk ikunx mehtieg li r-rata stabilita fl-Avviz Legali tigix konfermata o meno u dan skond il-ligi."

Minn din is-sentenza appellaw kemm l-Awtorita` intimata kif ukoll is-socjeta` Maltacom plc, qua imsejjha fl-gudizzju.

L-aggravji tal-Awtortia` huma sintetikament is-segwenti:-

1. In-nuqqas ta' interess guridiku biex jigi propost appell quddiem il-Bord. Hi tikkontendi li hu kontrosens li wiehed jghid li jaccetta r-rizultat finali pero` xorta wahda jrid jappella biex jimpunja allegat nuqqas fil-procedura ta' kif l-Awtorita` waslet ghad-decizjoni taghha. Issostni li l-kawzi ma jistghux isiru ghal pika jew gost li wiehed jinghata ragun meta mbaghad fis-sostanza ma kien hemm ebda kontestazzjoni;

2. L-appell quddiem il-Bord kien insostenibbli billi gjaladarba d-decizjoni tal-Awtorita` saret ligi l-Bord ma kellu l-ebda gurisdizzjoni. F'dan l-istess kuntest issollevat il-punt tal-kontradittorjeta` fis-sentenza appellata.

3. Kuntrarjament ghal dak dedott mill-Bord, l-Awtorita` pprovdiet ragunijiet sufficjenti ta' kif ibbazat id-decizjoni taghha dwar il-fissazzjoni tar-rata tal-"mobile termination charges" u dippju, fir-rigward, is-socjeta` appellata ma gabet lanqas prova minimali biex tikkontradici dawn l-istess ragunijiet u decizjoni ta' l-Awtorita`.

Minn naha taghha s-socjeta` Maltacom plc titlaq mill-premessa ta' indoli generali illi s-sentenza tal-Bord tikkontjeni numru ta' zbalji ta' ligi. In succint, l-aggravji taghha jikkonsistu f'dan li gej:-

(1) Il-Bord ma kellux jichad l-eccezzjoni preliminari taghha tal-insostenibilita` ta' l-appell. Hi tissottometti illi in forza tal-Avviz Legali 243/2000 r-rata stabbilita nghatat forza ta' ligi u ghalhekk il-Bord kien ezawtorat milli jissindika d-decizjoni appellata billi l-materja ma kienetx wahda li tohrog mid-decizjoni tal-Awtorita` izda in forza ta'

att legislattiv.  Li jfisser, dejjem fil-fehma taghha, illi l-Bord ma kellux gurisdizzjoni jissindika jew jannulla ligi sussidjarja;

(2) Il-Bord naqas li jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari tal-karenza tal-interess guridiku.  Ir-raguni hawn additata hi dik li s-socjeta` appellata ma kienetx qed tikkontesta r-rata stabbilita izda l-procedura ta' kif l-Awtorita` waslet ghall-fissazzjoni tar-rata;

(3) Il-Bord ma kienx korrett meta rritjena li l-Awtorita` kissret il-principji ta' gustizzja naturali ghax ma tatx taghrif ta' kif waslet ghar-rata.  Issostni li inversament l-Awtorita` forniet bizzejjed inidzji u ragunijiet ta' kif waslet ghal din ir-rata;

(4) Una volta l-Bord irrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorita` dan, imbaghad, ma kellux il-poter li jirrimetti l-materja lill-Ministru biex jara jekk kienx mehtieg li r-rata stabbilita fl-Avviz Legali ghandhiex tigi  konfermata o meno.  Se mai, issostni, li l-atti kellhom jigu rinvijati lill-Awtorita` ghar-rikonsiderazzjoni tad-decizjoni taghha fid-dawl tad-decizjoni tal-Bord.

Is-socjeta` appellata Vodafone (Malta) Limited wiegbet ghall-aggravji taz-zewg appellanti bil-mod infraskritt;-

(1) Il-promulgazzjoni  ta' l-Avviz Legali 243/2000 ma jnehhiex u ma ghandux per se icahhad id-dritt ta' l-appell taghha quddiem il-Bord.   Hi ssostni li dan l-appell taghha sar in bazi ghall-motivi specifikati fl-Artikolu 35 tal-Kap 399.  Tirribatti wkoll illi kieku kellu jigi accettat l-argoment tal-appellanti, l-operat tal-awtorita` jibqa' bla sindikar.

(2) Gie minnha sottomess ukoll illi kieku kellha tadixxi lill-Qorti ordinarja biex timpunja l-Avviz Legali kienet issib ruhha rinfaccjata bl-eccezzjoni illi ma ezawrietx ir-rimedji taht il-ligi specjali.  Irrilevat imbaghad li l-Bord mexa sew u fil-parametri tal-ligi issindika l-operat ta' l-awtorita` kif hekk kellu dritt jaghmel.

(3) Issollevat ukoll il-punt li l-impunjattiva minnha tad-decizjoni tal-awtorita` ma kellhiex timplika li hi kienet qed taccetta r-rata stabbilita jew li ma kienetx qed tikkontestaha. Issostni ghalhekk li hi kellha interess li tirrikava beneficcju mill-proceduri quddiem il-Bord billi l-iskop taghha kien dak li tigi annullata d-decizjoni tal-awtorita`, u allura wkoll ir-rata stabbilita. Fuq dan il-punt tissokta tippuntwalizza illi l-ghan taghha kien li r-rizultat tad-decizjoni tal-Bord kien konducenti ghall-kawza ohra li taghtiha rimedju effettiv. Skond is-socjeta` appellata l-Bord ghax kien konxju mil-limiti tieghu rrifera l-materja lill-Ministru fit-termini ta’ l-Artikolu 35 biex dan jirrivedi jew le r-rata prefissa.

Posti l-kwestjoniiet li dwarhom qeghdin jikkontrovertu l-kontendenti bl-appell u bir-risposta, ghal dawk li huma fatti essenzjali tal-materja disputata ma jidherx li hu kontestat illi:-

(i) fl-10 ta’ Novembru 2000 l-awtorita` kompetenti fuq il-kontroversja rimessa lilha stabbilit it-“termination rate” massima ta’ tmien centezmi u hames millezmi (8c5) kull minuta ghat-terminazzjoni ta’ telefonata li tkun tibda fuq sistema ta’ telekomunikazzjoni mobbli f’Malta;

(ii) fit-28 ta’ Novembru 2000 il-precitata rata giet promulgata permezz tal-Avviz Legali 243 ta’ l-2000;

(iii) fis-6 ta’ Dicembru 2000 is-socjeta` appellata ntroduciet l-appell taghha kontra d-decizjoni tal-Awtorita`.

Dan premess, kif taraha din il-Qorti, l-kwestjoni hawn prospettata ma tiddependiex eskluzivament dwar jekk, u nonostante l-Avviz Legali, s-socjeta` appellata kelliex id-dritt li tirrikorri lill-Bord billi tappella mid-decizjoni tal-Awtorita`, izda wkoll jekk il-Bord setax jinjora l-fatt tal-Avviz Legali subentrat wara d-decizjoni tal-Awtorita` u qabel l-appell interpost quddiemu. Fir-rigward il-Qorti thoss li ghandha taghmel dawn ir-riflessjonijiet preliminari:

(a) Fil-mument tad-dhul in vigore tal-Avviz Legali surreferit ma kien ghad hemm l-ebda talba ghar-revizjoni tad-decizjoni ta' l-Awtorita` kostitwita mil-ligi;

(b) Hu fatt inkontestat illi l-Avviz Legali msemmi rrenda effikaci d-decizjoni ta' l-Awtorita`. Pero` hu fatt ukoll illi bil-pubblikazzjoni ta' l-istess Avviz Legali l-materja ghaddiet fil-poter legislattiv u allura l-Avviz Legali kellu jitqies li kkondizzjona d-dhul in essere ta' emanazzjoni legislattiva u allura tal-obbligatorjeta` taghha;

(c) Certament ghalhekk, kif jidher li hu accettat; il-Bord adit ma kellux il-poter li jindahal fl-opportunita` tal-ligi sussidjarja stabbilita fl-Avviz Legali;

(d) Gjaladarba ghalhekk, anke ghaliex ma jidherx li dan hu kontestat, l-Avviz Legali hareg minn organu kompetenti u bil-formalitajiet rikjesti, seta' mbaghad jigi injorat mill-Bord, ghandu jew m'ghandux dan l-attribuzzjoni li jissindika l-operat tal-awtorita`?

(e) Ma jidherx li l-Bord f'kwestjoni bhal din seta' jiskarta l-principji generali tad-dritt meta gie biex jiddeciedi l-kwestjoni li kellu quddiemu. Senjatament il-principju tal-"jus superveniens" li jimpingi fuq il-gudikat li jkun ghadu mhux finalizzat.

(f) Fil-fehma tal-Qorti din ir-realta` guridika ma setghetx tigi injorata jekk, kif inhu ovvju u logiku, dik il-ligi kellha valur precettiv u ma kien hemm l-ebda decizjoni definittiva u l-ebda effett ta' xi operat guridiku gja ottenut.

Affermati dawn ir-riflessjonijiet li jitnisslu mill-kwadru tal-kaz in ispecje din il-Qorti tghaddi biex taghmel dawn l-osservazzjonijiet agguntivi:-

(1) Fis-sentenza appellata l-Bord jitlaq mill-premessa li r-rata specifika determinata mill-Awtorita` ma kienetx tifforma l-meritu tal-appell li kellu quddiemu. Wara li stabilixxa dan l-punt huwa mbaghad ghadda biex jafferma illi s-socjeta` appellata ddikjarat espressament waqt is-smiegh tal-appell li ma kienetx qed tikkontesta r-rata

stabbilita mill-awtorita` fid-decizjoni taghha. Maghmula dawn iz-zewg konstatazzjonijiet il-Bord spicca b'danakollu biex ikkonkluda li jirrinvija l-vertenza lill-Ministru biex dan jara jekk kienx mehtieg li r-rata stabbilita bl-Avviz Legali, injorat minnu, tigix konfermata o meno.

(2) Rigwardata ghall-mument minn din l-ottika din il-Qorti ssib li ma tezisti l-ebda rabta logika bejn l-affermazzjonijiet dedotti fil-parti razzjonali tas-sentenza u l-parti operattiva taghha. In effetti mis-sekwenza fuq esposta jidher li d-decizjoni tal-Bord hi diametrikalment opposta ghal kostatazzjonijiet mill-istess Bord maghmula. Dan in-nuqqas ta' koerenza logika jew, kif drabi ohra ritenut, jekk tali rabta ma tkunx tirrizulta jew, dak li hu aghar, jekk tali rabta tirrizulta kontradittorja jew non-konsegwenzjali allura jkun jonqos element essenzjali tad-decizjoni. Nuqqas li jinficja u jinvalida d-decizjoni. Ara f'dan is-sens sentenza fl-ismijiet "**Rose Loftus –vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd**", Appell, Sede Inferjuri, 9 ta' Lulju 1999.

(3) Jitnissel mis-suespost din it-tieni osservazzjoni. Jekk kif dikjarat mis-socjeta` appellata, u rilevat ukoll mill-Bord, is-socjeta` appellata ma kienetx qed tikkontesta r-rata prefissa, din il-Qorti ssibha ferm difficli li taccetta bhala proposizzjoni korretta u konvincenti s-sottomissjoni tas-socjeta` appellata kontenuta fir-risposta taghha ghar-rikorsi tal-appell illi n-non kontestazzjoni taghha tar-rata stabbilita ma kellhiex tinftiehem li r-rimedju li riedet tottjeni mill-Bord ma kellux ikun servjenti bhala bazi ta' kawza ohra tendenti ghall-impunjattiva tal-istess rata quddiem il-forum idoneu. Hi anzi tinsisti illi proprju din kienet il-fini li kellha in mira bid-decizjoni tal-Bord. Ghall-kuntrarju, fuq l-istregwa tar-rizultanzi processwali, din il-Qorti tippropendi biex ma taccettax din is-sottomissjoni hekk kontradittorja ghad-dikjarazzjoni affermata minnha fil-kors tal-proceduri quddiem il-Bord.

Issa m'hemmx dubbju, anke ghaliex dan ormai hu pacifikament akkolt, illi domanda ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni hi maghmula tajjeb. Dan anke ghaliex m'hijiex kontra l-ligi talba ghall-otteniment ta'

dikjarazzjoni ta’ dritt jew ta’ dikjarazzjoni ta’ vjolazzjoni tal-istess dritt. In linea ta’ massima generali jinsab deciz illi “jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti il-ligi ma tipprojbix li l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni” (**Kollez Vol XXXIII pII p55**). Pero` hu daqstant iehor pacifiku illi biex jigi vantat u ezercitat tali dritt hemm bzonn li dan ikun ta’ natura guridika u, fuq kollox, li d-dikjarazzjoni intiza li tinkiseb tkun preordinata ghall-azzjoni ohra. Hekk jinsab affermat fi skorta ta’ decizjonijiet illi “fil-prattika gudizzjarju taghna ma humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta’ dikjarazzjonijiet preordinati ghal domanda ohra definittiva u finali, avvolja din id-domanda ma tkunx dedotta in gudizzju; pero` hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi hemm dak l-interess, anke preordinat ghal kawza ohra, u li dik id-dikjarazzjoni hekk ottenuta tkun tifforma l-bazi ta’ kawza ohra li tista’ ssir fil-futur” (**Kollez Vol XXXII pII p257**. Ara wkoll “**Dr. Biagio Giuffrida pro et noe –vs- Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier et**”, Appell Civili, 3 ta’ Marzu 1967 u “**Pietro Paolo Borg –vs- Giuseppe Caruana**”, Appell Civili, 3 ta’ Dicembru 1984, fost ohrajn.

F’dawn l-ezemplari kollha gie enuncjat il-principju li rekwizit imprexxindibbli ta’ kull azzjoni f’kull stadju taghha, kompriz allura anke l-appell, huwa l-interess f’min jipproponiha u dan l-interess ma ghandux ikun ipotetiku imma hemm bzonn li jkun konkret u b’mod li “deve procurare a chi la propone un <u>risultamento utile</u>” (**Kollez Vol. XVII pIII p15**”; ara wkoll “**Veronica Farrugia -vs- Mary Buhagiar**”, Appell Kummercjali, 2 ta’ April 1993).

Kif gja asserit aktar il-fuq, in vista tad-dikjarazzjoni maghmula mis-socjeta` appellata, din il-Qorti mhiex konvinta illi r-revoka tad-decizjoni tal-Awtorita` ser igib rizultat vantaggjuz lis-socjeta` appellata.

Naturalment id-deduzzjoni appena rilevata tircievi sostenn akbar meta l-materja tigi ezaminata fl-ambitu tal-fatt sopravvenut bl-Avviz Legali ex-post id-decizjoni tal-Awtorita` izda qabel l-introduzzjoni ta’ l-appell quddiem il-Bord. Avviz Legali li ma setghax jigi injorat anke ghaliex kien jisposta l-materja mill-aspett tal-konsiderazzjoni

amministrattiva ghal wahda ta’ konsiderazzjoni legislattiva li ma setghetx tigi skartata mill-Bord. Huwa ragjonevoli illi d-dritt tal-appell rikonoxxut u konsentit mill-Kap 399 ma setax ghalhekk biss jinjora r-realta` u l-essenza tas-sitwazzjoni guridika sopravvenuta bl-Avviz Legali msemmija. In effetti l-Artikolu 35 innifsu ta’ l-Art XXXIII ta’ l-1997 jippreskrivi li persuna li taghmel appell quddiem il-Bod ta’ l-Appelli ghandha tispjega x’inhu l-interess guridiku taghha biex tikkontesta d-decizjoni appellata. Interess guridiku dan li, kif insenjat, irid jezisti fil-mument tal-bidu tal-kawza u jrid jibqa’ jissussisti sa l-ahhar taghha (**Kollez Vol XLIX pII p924**).

Minn dan kollu jsegwi, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, illi l-Avviz Legali kien ostatattiv tal-appell interpost mis-socjeta` appellata quddiem il-Bord. Dan fis-sens illi, kif manifest, kien jonqos fis-socjeta` appellata l-interess guridiku ghall-proponiment tieghu meta hi stess kienet hekk accettat ir-rizultat finali tal-fissazzjoni tar-rata. Certament il-kontestazzjoni tal-procedura adottata mill-Awtorita` minghajr il-kontestazzjoni tal-meritu ta’ dak li l-istess procedura stabbilit, ma kien ser iservi ta’ l-ebda konfort f’termini ta’ utilita` oggettiva. Fic-cirkostanzi u in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq esposti din il-Qorti ssib ragunijiet validi fl-aggravji sottomessi u hawn ezaminati biex tiddissenti mill-konkluzjoni tal-Bord. Raggunta din il-konkluzjoni mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha fl-aggravji l-ohra.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell ta’ l-Awtorita` ntimata u tas-socjeta` Maltacom plc, kjamata in kawza, u b’hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Bord ta’ l-Appelli tat-Telekommunikazzjonijiet moghtija fl-1 ta’ April 2003.

L-ispejjez tal-prezenti procedura ghandhom jitbatew mis-socjeta` appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------